**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 37/2017 BS**

**Vincent Xuereb u Mikelina Xuereb**

**-vs-**

**Noel u Marisa konjuġi Grima kemm f'isimhom propju kif ukoll għan-nom ta' binhom minuri Kurt Grima; u b'digiret tal-25 ta' Jannar 2019, ġie kjamat in kawża l-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem; u permezz ta' nota tal-1 ta' Diċembru 2021, Kurt Grima assuma l-atti ta' din il-kawża f'ismu proprju stante li laħaq l-età maġġorenni**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[1] illi ppremettew:**

1) ILLI fid-disa' (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) James Xuereb bin l-atturi Vincent u Mikelina Xuereb kien qed jgħum ma numru minn sħabu fil-bajja tax-Xatt l-Ahmar fil-limiti ta' Għajnsielem, Għawdex;

[1] Rik. gur a fol 1 sa 4.

2) ILLI dakinhar bin l-atturi kien għadu minuri u kellu biss erbatax-il sena;

3) ILLI waqt li kien qed jgħum ma' sħabu Kurt Grima, iben minuri tal-konvenuti Noel u Marisa Grima qabeż fil-baħar mill-għoli għal fejn kien qed jgħum James Xuereb bil-konsegwenza li ġie fuqu u ikkawzalu ġrieħi gravi;

4) ILLI dan l-inċident ġie ikkawzat tort ta' Kurt Grima, iben il-konvenuti, u peress li dan sar bi traskuraġni, nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti u b'nuqqas ta' ħsieb da parti tiegħu u għalhekk ġie kkawżat dan l-inċident;

5) ILLI per konsegwenza ta' dan l-inċident iben l-atturi sofra ġrieħi gravissimi u ġie rikoverat għal diversi ġimghat fit-Taqsima tal-Kura Intesiva,

6) ILLI l-minuri James Xuereb qatt ma rkupra minn dawn il-ġrieħi u per konsegwenza miet ftit aktar minn xahrejn wara u ċioè fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015);

7) ILLI l-atturi bit-telfa ta' binhom minuri sofrew danni;

**Talbu għalhekk lill din il-Qorti:**

1) Tiddikjara illi l-inċident li seħħ fix-Xatt l-Aħmar limiti ta' Għajnsielem fid-9 ta' Lulju 2015 u li fih weġġa' gravi u per konsegwenza xahrejn wara tilef ħajtu il-minuri James Xuereb ġara tort ta' Kurt Grima iben minuri tal-konvenuti;

2) Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' dan l-inċident li fih huma tilfu lill-binhom [sic] minuri ta' erbatax-il sena;

3) Tordna lill-konvenuti proprio et nomine jħallsu dawn id-danni hekk kif likwidati lill-atturi.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti proprio et nomine li minn issa huma ingunti għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta tal-konvenuti Noel u Marisa konjuġi Grima kemm f'isimhom propju kif ukoll għan-nom ta' binhom minuri Kurt Grima[2] illi eċċepew:**

1. ILLI t-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti;

2. ILLI qabel xejn, l-esponenti jibdew biex jissenjalaw li l-elenku tax-xhieda indikati mill-atturi ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-liġi, u għaldaqstant qegħdin in linja preliminari, jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-atturi li jissostitwixxu dik il-lista b'elenku komplet tal-isem ta' kull xhud li fi ħsiebhom itellgħu u l-iskop fid-dettall li huma jridu jilħqu bil-preżentata ta' kull xhud;

3. ILLI kif sejjer jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-inċident *de quo* ma seħħx għal raġunijiet li huma imputabbli lill-konvenuti;

4. ILLI qabel xejn, l-esponenti ma jistgħux jiġu ċċitati f'isem binhom minuri peress li l-allegazzjoni tal-atturi hija li b'xi mod Kurt Grima kien ħati ta' *culpa aquiliana*. Ġenitur ma jista' qatt jiġi mħarrek f'isem ibnu minuri anki jekk, għall-grazzja tal-argument biss, dan huwa ħati ta' dan it-tip ta' nuqqas;

5. ILLI, fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti ma naqsu bl-ebda mod u manjiera mid-dmirijiet imposti fuqhom fit-termini tal-artikolu 1034 tal-Kodiċi Ċivili, li jelenka b'mod eżawrjenti u tassattiv, iċ-ċirkustanzi li taħthom ġenitur jista' jinżamm responsabbli għall-agir ta' ibnu minuri;

6. ILLI fit-tielet lok, u dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, dakinhar tal-inċident, Kurt Grima ma aġixxiex b'xi nuqqas ta' prudenza, jew ta' diliġenza jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, stante li dak li huwa wettaq dakinhar tal-inċident tad-9 ta' Lulju 2015 kien aġir leċitu u konsentit;

7. ILLI mingħajr preġudizzju għall-premess, ma huwiex minnu li l-atturi sofrew xi danni per konsegwenza tat-telf, sfortunat kemm

[2] Risposta guramentata a fol 10 sa 12.

huwa sfortunat, ta' binhom, l-atturi ma sofrew l-ebda danni li jistgħu jiġu kkumpensati taħt il-liġi vigenti;

8. Salvi eċċezzjonijiet u risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

9. Illi b'referenza għall-paragrafi enumerati tar-rikors ġuramentat l-esponenti jiddikjaraw li:

   a. Illi fir-rigward l-ewwel u t-tieni paragrafu ma hemmx kontestazzjoni;

   b. Fir-rigward għat-tielet paragrafu hemm qbil għal fatt li Kurt Grima qabeż fil-baħar imma dan kien minn fuq *platform* li, dakinhar tal-inċident, u għal deċenni sħaħ qabel, kienet intiża proprju sabiex min irid jgħum fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar ikun jista' jaqbeż il-baħar minn fuqha. Huwa minnu wkoll li sussegwentement din ir-rampa tneħħiet wara twiddiba f'dan is-sens mill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li lliberat lill-esponenti Kurt Grima minn kull responsabbiltà għal dak li seħħ. Il-fatt minnu nnifsu li l-awtoritajiet hassew li kien meħtieġ li jeliminaw dik ir-rampa tista' eventwalment tgħabbi lil dawk l-awtoritajiet imma mhux lil xi ħadd mill-esponenti bi grad ta' responsabbiltà. Lanqas ma huwa eskluż li l-mibki James Xuereb ikkontribwixxa għall-inċident li seħħ fid-9 ta' Lulju 2015, kif sejjer jiġi ppruvat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

   c. Fid-dawl tal-kontenut tal-paragrafu b, hawn fuq, u għal raġunijiet oħra li sejrin jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-kontenut tar-raba' paragrafu huwa kkontestat b'saħħa;

   d. Il-fatti riportati fil-ħames, u sitt paragrafi ma humix kontestati b'dan illi l-konvenuti ma jaħtu xejn għal dawn id-danni allegatament sofferti mill-atturi;

   e. Illi s-seba' paragrafu qiegħed jiġi kkontestat anki għaliex, *inter alia*, fid-dawl tal-ġurisprudenza stabbilita, l-atturi ma jistgħux jirreklamaw danni minħabba t-telfien ta' binhom stante li huma ma kienux finanzjarjament dipendenti fuqu.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-kjamat in kawża, il-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem,[3] illi eċċepixxa:**

1. Preliminarjament in-nullità tar-Rikors Ġuramentat għaliex imur kontra d-dispost tal-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi l-esponenti qatt ma ġie innotifikat b'xi att ġudizzjarju qabel ma iddaħħal f'din il-kawża;

2. Preliminarjament ukoll l-azzjoni versu l-Kunsill hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi fil-mertu t-talbiet tal-attur huma infondati fid-dritt u fil-fatt;

4. Illi l-Kunsill Lokali ma għandu l-ebda responsabbiltà għall-akkadut la direttament u lanqas indirettament;

5. Illi l-esponenti jinsb żbalordit kif f'daqqa waħda l-atturi talbu l-kjamat fil-kawża tal-Kunsill *de quo* meta fil-premessi tar-rikors promotur tagħhom l-atturi jiddikjaraw li *"l-inċident ġie ikkawżat tort ta' Kurt Grima, iben il-konvenuti, u peress li dan bi traskuragni, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u b'nuqqas ta' ħsieb da parti tiegħu u għalhekk ġie ikkawżat dan l- inċident"*;

   Ir-rikors tal-atturi tal-15 ta' Jannar 2019 jagħti x'jifhem illi huma issa ġew a konjizzjoni mil-fatt li fl-akwati tax-Xatt l-Ahmar kien hemm paletta tal-konkos u għalhekk hassu l-bżonn li jikkjamaw lill-Kunsill *de quo*. Dan meta dawn il-fatti diġa kienu ġew stabbiliti fil-proċeduri kriminali li kienu ġew istitwiti kontra l-konvenut minuri Kurt Grima. Il-proċeduri kriminali intemmu fl-14 ta' April 2016 u l-kawża odjerna giet intavolatafit-2 ta' Mejju 2017.

Għaldaqstant u in vista tal-premess it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra tagħhom.

**Fliet l-atti.**

**Rat** ir-rikors tal-atturi tal-15 ta' Jannar, 2019 li bih talbu l-kjamat in kawza tal-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem, Ghawdex.[4]

---

[3] Risposta guramentata a fol 179 sa 181.
[4] Rikors a fol 134.

**Rat** ir-risposta tal-konvenuti tat-23 ta' Jannar, 2019 ghar-rikors tal-atturi tal-15 ta' Jannar, 2019.[5]

**Rat** id-digriet taghha kif diversament presjeduta moghti fil-25 ta' Jannar, 2019 li bih laqghat it-talba attrici ghal-kjamat in kawza tal-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem, Ghawdex.[6]

**Rat** li fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 2019 l-atturi ddikjaraw il-provi taghhom maghluqa.[7]

**Rat** l-atti tal-istanza kriminali migjuba kontra Kurt Grima kif ezebiti mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali, Ghawdex, Dr. Mary Debono Borg.[8]

**Rat** li fl-udjenza tat-18 ta' Mejju, 2021 il-konvenuti ddikjaraw il-provi taghhom maghluqha.[9]

**Rat** in-nota ta' Kurt Grima tal-1 ta' Dicembru, 2021 permezz ta' liema assuma l-atti ta' din il-kawza f'ismu proprju stante li lahaq l-eta' maggorenni.[10]

**Rat** li fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru, 2021 il-kjamat in kawza Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem iddikjara l-provi tieghu maghluqha.[11]

**Rat** li fl-udjenza tal-14 ta' Gunju, 2022 il-partijiet iddikjaraw il-kontro-ezamijiet ezawriti bil-kawza giet differita ghal prezentata tan-noti tal-osservazzjonijiet.

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza**, inkluz id-dokumenti ezebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet**.[12]

---

[5] Risposta a fol 137.
[6] Digiriet a fol 138.
[7] Verbal a fol 175 u 176.
[8] Vera kopja tal-atti tal-proceduri kriminali a fol 200 sa 398. Kopja vera tas-sentenza numru 63/2015 JM moghtija nhar l-14 ta' April, 2016 fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs Kurt Grima*** a fol 399 sa 441.
[9] Verbal a fol 548.
[10] Nota a fol 569.
[11] Verbal a fol 582 u 583.
[12] Nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi a fol 672 sa 681, tal-konvenuti u Kurt Grima a fol 682 sa 701, u tal-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem a fol 703 sa 711.

**Rat** li fl-udjenza tal-21 ta' April, 2023 saret trattazzjoni fil-qosor stante bdil tal-magistrat sedenti bil-kawza giet differita ghal-llum ghas-sentenza.[13]

**B. Provi:**

**Semghat ix-xhieda bil-gurament u rat dik maghmulha bil-procedura tal-affidavit, ta':**

**L-Ispettur Bernard C. Spiteri**, xehed[14] li huwa kien gie nfurmat li fid-9 ta' Lulju, 2015 sehh incident ix-Xatt l-Ahmar fejn zaghzugh, Kurt Grima, kien qabez fuq iehor, James Xuereb, waqt li dan kien jghum. Izid li James Xuereb kien wegga gravi u ttiehed l-isptar *Mater Dei*.

Jghid li kellem lis-Surgent Jason Spiteri li kien qallu li l-familjari tal-vitma kienu xettici jekk jaghmlux rapport jew le.

Jghid li sussegwentement il-pulizija rciviet certifikat mediku ffirmat minn Dr Peter Muscat li kien indika li James Xuereb kien soffra griehi gravi.

Izid li wara dan gew infurmati li l-istess James Xuereb miet fit-12 ta' Settembru, 2015.

Jghid li sadanittant kien bghat ghal Kurt Grima, iz-zaghzugh l-iehor involut fl-incident, li, fil-31 ta' Lulju, 2015, wara li nghata twissija rrilaxxa stqarrija fil-prezenza ta' missieru Noel Grima stante li Kurt kien minuri.

Jghid li Kurt Grima spjega kif dakinhar kienu tlett ti' hbieb ix-xatt, hu, James Xuereb, u Jeremy Portelli. Zid li l-ewwel qabez il-bahar Jeremy, imbaghad qabez il-vitma, James, u wara qabez hu u gie fuq James li ma' kienx induna bih.

Jghid li wara li rrilaxxa din l-ewwel stqarrija tieghu, Kurt Grima tramite l-avukat tieghu indika li rid izid xi haga mall-istqarrija tieghu u ghalhekk, fl-1 ta' Settembru, 2015 ittiehditlu t-tieni stqarrija.

[13] Verbal mhux paginat.
[14] Traskrizzjoni a fol 23 sa 29.

Jghid li James Xuereb baqa' l-isptar mindu wegga' sa ma' miet.

Jghid li huwa kien kellem ukoll lill Jeremy Portelli, it-tielet zaghzugh li kien hemm ix-xatt dakinhar tal-incident. Izid li lill Jeremy kellmu fil-prezenza ta' missieru.

Jghid li Jeremy spjegalu li hu, Kurt, u James kienu marru x-xatt fejn l-ewwel qabez il-bahar hu, imbaghad James, u wara Kurt. Zid ukoll li huma lkoll qabzu minn fuq il-*platform* li gieli kienu qabzu minn fuqha qabel. Zid li malli qabez hu beda jghum lejn il-blat, mhux taht il-*platform*. Zid li hemm semgha lill xi hadd iehor jaqbez il-bahar izda ma' rax minn kien ghax kien wiccu lejn il-blat. Jghid li malli dar, ra lill James niezel taht l-ilma u semghu jghid *"ghinni, ghinni Kurt"*. Zid li Kurt nizel ghalih taht l-ilma u hu mar jghinu biex itellghu lill James mas-sellum. Zid li James kien tqil u tellugh biss bl-ghajnuna ta' certu Guzi minn Ghajnsielem[15] li nzerta kien hemm. Zid li wara dan marret ambulanza u hadet lill James l-isptar.

**In kontro-ezami**, xehed[16] li Kurt Grima qabez minn fuq il-*platform* li hemm fuq il-post u qieghda hemm apposta ghal qbiez fil-bahar.

Jghid li lilu qatt ma' qalulu li James Xuereb ma' kienx qed jitkellem wara l-incident. Izid izda li hadd mill-pulizija ma' saqsih x'kien gara u dan ghax baqghu jittamaw li jkellmuh meta johrog mill-isptar.

Jezebixxi, *inter alia*, kopja ta certifikat mediku datat id-9 ta' Lulju, 2015 u ffirmat minn Dr Peter Muscat liema certifikat jindika l-griehi sofferta mill-vitma James Xuereb fl-incident u jikkwalifika l-istess bhala gravi;[17] stqarrija rilaxxata lill-pulizija mill-minuri Kurt Grima fil-prezenza ta' missieru Noel Grima nhar il-31 ta' Lulju, 2015;[18] it-tieni stqarrija rilaxxata mill-minuri Kurt Grima nhar l-1 ta' Settembru, 2015;[19] email datata l-1 ta' Settembru, 2015 mibghuta lill-pulizija mill-avukat difensur tal-minuri Kurt Grima fejn talab zieda mal-ewwel stqarrija ta' Kurt Grima;[20]

[15] Jirrizulta li danl-individwu kien fil-fatt Joseph Mallia li dakinhar inzerta kien qed jghum ix-Xatt l-Ahmar flimkien ma' martu.
[16] Traskrizzjoni a fol 29 u 30.
[17] Certifikat mediku a fol 31.
[18] Stqarrija a fol 32 u 33.
[19] Stqarrija a fol 34.
[20] Email a fol 35.

rapport tal-pulizija numru NPS 10/Z/2802/2015 datat d-9 ta' Lulju, 2015 dwar l-incident tal-istess data fejn wegga gravi James Xuereb.[21]

**Lucienne Haber**, Segretarja Ezekuttiva tal-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem, xehdet[22] li l-*platform* li kien hemm ix-Xatt l-Ahmar kien ilha hemm minn qabel twaqqfu l-Kunsilli Lokali u allura 'il fuq minn 25 sena. Izzid li ghalhekk il-Kunsill sabha hemm.

Tghid li wara l-incident tad-9 ta' Lulju, 2015 gew infurmat li din ma' kellix permessi bil-Kunsill m'oggezzjonax ghat-tnehhija taghha u fil-fatt tnehhiet mid-Direttorat tal-Progetti u Zvilupp.

Tghid li l-Kunsill ta' in-*no objection* tieghu ghat-tnehhija taghha.

**In kontro-ezami**, xehdet[23] li taqbel li tul iz-zmien li kien ilha hemm il-*platform* din dejjem intuzat sabiex min fuqha jaqbzu n-nies ghal-bahar.

Tghid li mhijiex certa kienx hemm avviz qribha sabiex jigbed l-attenzjoni ghal-perikolu.

**Xehdet ulterjorment**[24] li mit-taghrif mizmum mill-Kunsill il-*platform* tax-Xatt l-Ahmar dejjem hemm kienet. Izzid li zgur kienet hemm meta twaqqfu l-Kunsilli Lokali fl-1994.

Tghid li l-Kunsill sabha hemm u qatt m'ghamel xejn fuqha.

**In kontro-ezami**, xehdet[25] li meta twaqqfu l-kunsilli lokali mhux ir-responsabbilitajiet kollha dwar bajjiet gew f'idejhom. Izzid li tul iz-zminijiet inbiddlu hafna regoli dwar responsabblita' tal-bajjiet.

Tghid li wara l-incident in mertu l-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem iddiskuta mal-Gvern Centrali sabiex il-*platform* titnehha u dan ghax hassew li kienet ta' perikolu. Izzid li huma hadu din l-azzjoni wara li rcievew kopja tas-sentenza tal-Qorti Kriminali fil-proceduri mehuda kontra Kurt Grima.

---

[21] Rapport a fol 37 sa 43.
[22] Traskrizzjoni a fol 44 u 45.
[23] Traskrizzjoni a fol 45.
[24] Traskrizzjoni a fol 549.
[25] Traskrizzjoni a fol 549 sa

Tghid li llum il-*platform* mhijiex hemm.

Tghid li llum il-gurnata r-responsabbilita' ghax-Xatt l-Ahmar qieghda f'idejn il-Ministeru ghal-Ghawdex. Izzid li minkejja dan huma wkoll jaraw li jkun hemm certa sigurta.

Tghid li huma kitbu lill-Ministeru malli rcievew il-kopja tad-decizjoni tal-Qorti Kriminali. Tghid li hemm qalu lill-Ministeru li l-*platform* ma' kienitx responsabbilita' taghhom.

Tghid li huma fil-kunsill iddiskutew it-tnehhija tal-*platform*.

Tobbliga ruhha li tipprezenta kopja tal-minuti tal-kunsill fejn giet diskussa t-tnehhija tal-*platform* u kopja tal-ittra li ntbaghtet mill-kunsill lill-Ministeru dwar dan.[26]

Tghid li safejn taf hi l-kunsill huwa biss responsabbli mit-tindif tal-bajjiet mentri l-manutenzjoni taqa' f'idejn il-Ministeru.

**Marcel Meilak**, in rapprezentanza tal-Awtorita' tat-Trasport, xehed[27] li x-Xatt l-Ahmar ma' jaqax taht ir-responsabbilita' taghhom ghax la huwa u anqas qatt ma' kien zona tal-ghum.

Jghid li l-Awtorita' m'ghandha ebda taghrif dwar il-*platform* li kien hemm fl-istess Xatt l-Ahmar.

**In kontro-ezami**, xehed[28] li minkejja dak li xehed, m'hemm xejn li jipprojbixxi lin-nies milli jghumu ix-Xatt l-Ahmar, biss din m'hijiex regolata bhala *swimming zone*. Izid li m'hemm ebda sinjal li jghid lin-nies li ma' jistghux jghumu hemm.

---

[26] Ezebit fl-1 ta' Dicembru, 2021, *inter alia*, kopja ta' email datat it-18 ta' Lulju, 2016 mibghutha mill-kunsill lokali lill-Ministeru fejn ingibdet l-attenzjoni ghal fatt li l-*platform* kienet giet installata qabel twaqqfu l-kunsilli lokali u ntalbet informazzjoni dwar il-pjan ta' azzjoni tal-Ministeru – a fol 561; kopja tal-minuti ta' laqgha tal-kunsill lokali mizmuma fit-28 ta' Settembru, 2016 fejn issemmiet il-*platform* fid-dawl tas-sentenza tal-QOrti Kriminali u l-incident in mertu kif ukoll l-avviz ta' infurzar li nhareg mill-Awtorita' tal-Ippjanar u gie dikjara lim'ghandux ikun il-kunsill li jnehhi l-*platform* stante li ma' kienx hu li nstallaha – ref.: para. 5.0 a pagna 3 tal-minuti li tinsba a fol 565.

[27] Traskrizzjoni a fol 47 sa 49.

[28] Traskrizzjoni a fol 49 u 50.

**Jeremy Portelli**, iz-zaghzugh li kien mal-vitma, James Xuereb, u Kurt Grima dakinhar tal-incident, xehed[29] li huwa kien hemm dakinhar tal-incident tad-9 ta' Lulju, 2015. Jghid li kienu hu, Kurt, u James u kienu x-Xatt l-Ahmar. Izid li kienu marru hemm flimkien.

Jghid li marru sabiex jaqbzu u hu qabez l-ewwel. Izid li kif qabez beda jaqdef lejn il-blat u s-sellum. Jghid li mbaghad ma' jafx minn qabez ghax kien ihares lejn is-sellum.

Jghid li sema cafcifa bhal meta jaqbez xi hadd, dar, u ra lill James nizel taht l-ilma. Izid li semghu jghid *ghinni ghinni Kurt*. Jghid li u hu Kurt tellawh mill-bahar u mar Guzi Mallia jghinhom itellugh is-sellum.

Jghid li huma kienu qed jaqbzu minn fuq il-*platform*. Jghid li din kienet l-ewwel qabza taghhom dakinhar.

Jghid li Kurt nizel ghal James taht l-ilma. Jghid li mbaghad qabdu lill James wiehed kull naha u ressquh qrib is-sellum sakemm gie Guzi jghinhom ittellugh is-sellum.

Jghid li cemplu ghall-ambulanza li hadet lill James l-isptar.

Jghid li hu lill James kellmu minn dakinhar tal-incident sakemm miet. Izid li kien imur jarah l-isptar *Mater Dei*. Jghid li qatt ma' tkellmu dwar l-incident.

**In kontro-ezami**, xehed[30] li l-*platform* kienet qieghdha hemm apposta sabiex in-nies jaqbzu minn fuqha. Jghid li huma kemm il-darba qabzu minn fuqha qabel dakinhar tal-incident. Izid li bhalhom kienu jaqbzu hafna nies ohra.

Jghid li huma meta jaqbzu jghumu l'hemm sabiex ma' jkunux taht il-*platform* u jaghmlu wisgha lill haddiehor.

Jghid li dakinhar kienet gurnata normali, marru biss sabiex jghumu bhas-soltu.

[29] Traskrizzjoni a fol 59 sa 64.
[30] Traskrizzjoni a fol 64 sa 67.

**In re-ezami**, xehed[31] li huma kienu ta′ spiss imorru x-Xatt l-Ahmar u mhux l-ewwel darba li qabzu mill-*platform*. Jghid li hu ma′ kienx jiccekja hemmx xi hadd taht il-*platform* ghax ma′ kienx jippretendi li xi hadd joqod hemm.

Jghid li kienu jaqbzu aktar nies minn hemm mhux huma biss.

Jghid li kieku hu ma′ qabisx l-ewwel kien jiccekja.

**Sonia Mallia**, li kienet ix-Xatt l-Ahmar dakinhar tal-incident tad-9 ta′ Lulju, 2015, xehdet[32] li hija dakinhar kienet qieghda tghum ma′ zewgha. Izzid li hi ma′ rat xejn ghax kienet darha lejn fejn sehh l-incident.

Tghid li semghat lill xi hadd jghajjat *ghinni, ghinni*, kemm hi kif ukoll zewgha daru jaraw x′gara, u zewgha mar jghin lill Kurt u Jeremy jtellghu lill James mill-bahar.

Tghid li James beda jghid li ma′ kienx qed ihoss saqajh.

Tghid li hi qatt ma′ kellmet lill James wara l-incident.

Tghid li hi ghadha tmur ix-Xatt l-Ahmar. Izzid li l-*platform* minn fejn kienu jaqbzu s-subien m′ghadhiex hemm.

Tghid li hi qatt ma′ qabzet mill-*platform* u ma′ tafx ezatt x′tara minn fuqha. Tghid li zaghzagh gieli qabzu minn fuqha ghax ghalhekk kienet hemm. Tghid li minn jieqaf ihares, minn jaqbez minghajr ma′ jigi b′girja, u minn jigi b′girja.

**In kontro-ezami**, xehdet[33] li l-*platform* kienet tintuza regolarment u minn diversi nies. Izzid li tnehhiet biss wara dan l-incident. Tghid li kienet haga komuni li mill-*platform* jaqbzu n-nies.

[31] Traskrizzjoni a fol 67 sa 69.
[32] Traskrizzjoni a fol 70 sa 75.
[33] Traskrizzjoni a fol 75 u 76.

**Joseph sive Guzi Mallia**, li ghin lill Kurt u Jeremy jtellghu lill James missellum, xehed[34] li dakinhar tad-9 ta' Lulju, 2015 huwa kien qed jghum ma' martu. Izid li ma' kienx qed ihares lejn fejn sehh l-incident.

Jghid li semgha hsejjes ta' roti mutur li wasslu bihom Jeremy, James, u Kurt. Jghid li raghhom jinzlu minn fuq ir-roti mutur u ma' raghhomx izjed.

Jghid li l-incident ma' rahx izda semgha lill xi hadd jghajjat ghall-ghajnuna. Jghid li hares u ra lill vitma fil-wicc. Izid li ghum sa fejnhom sabiex jghin, staqsa lill James jekk jghinux u dan qallu iva.

Jghid li hu u jghum lill James sas-sellum dan qallu li ma' kienx ihoss idu.

Jghid li ressqu mas-sellum fejn kien hemm zewg bughaddasa Taljani li kien ghadhom kemm telghu u wiehed minnhom mar jghinu jtella lill James mis-sellum.

Jghid li mas-sellum qal lill James jghin naqra' ruhu u hawn James qallu li anqas saqajh ma' setgha jhoss.

Jghid li tellghu hu u l-bughaddas Taljan u meddewh fuq il-blat fejn kien f'sensieh. Jghid li qal lill James jaghmel kuntatt ma' ommu u huma cemplu ghall-ambulanza.

Jghid li James kellem lill ommu bil-mowbajl. Izid li James cempel hu stess billi haddm id wahda. Jghid li lill ommu qailha li wegga u li kien ser jittiehed l-isptar.

Jghid li hu lit-tlett subien kien jafhom ghax ilkoll minn Ghajnsielem bhalu.

Jghid li hu u martu kienu mbeghdin mil-*platform* ghax ma' kienux ser joqodu tahta jistiednu daqqa.

Jghid li kien normali li zaghzagh jaqbzu minn fuq din il-*platform* izda hu qatt ma' qabez minn fuqha. Izid izda li mit-tarf taghha tista tara tahta.

[34] Traskrizzjoni a fol 77 sa 81.

Jghid li safejn jaf hu hemm minn ihares qabel jaqbez u hemm minn jigi bil-girja u jaqbez.

**In kontro-ezami**, xehed[35] li sakemm kien jghin lill James, shabu Jeremy u Kurt ukoll kienu qed jghinuh.

Jghid li malli t-tlett subien waslu x-xatt bir-rota mutur huma kienu qed igiebu ruhhom sew, b'mod normali, minghajr ma' tkesshu jew ghajtu.

Jghid li l-*platform* kienet qieghda hemm specifikatament sabiex in-nies jaqbzu minn fuqha.

Jghid li sakemm semgha l-ghajta ghall-ghajnuna ma' kien hemm xejn straordinarju. Izid li mill-hin li wasslu s-subien sa' ma' gara l-incident m'ghaddiex tul ta' hin.

**In re-ezami**, xehed[36] li ma' jafx jekk il-*platform* tnehhietx wara l-incident. Jghid li hu jahseb li l-istess *platform* kien ilha hemm xi 20 sena. Izid li ma' jafx minn kien ghamilha.

**In kontro-ezami ulterjuri**, xehed[37] li hu ghandu 53 sena. Mistoqsi jekk jiftakarx il-*platform* hemm minn zoghzitu jghid li jahseb li saret fi zmien il-Kunsilli Lokali. Izid li jghid hekk ghax qabilha kien hemm ohra izghar.

**Dr. Peter Muscat**, tabib mediku, xehed[38] li l-file mediku relattiv jinsab il-Qorti u allura m'ghandux access ghalih. Izid li jista jixhed min-noti personali tieghu.

Jghid li fid-9 ta' Lulju, 2015 iddahhal l-emergenza James Xuereb. Izid li meta ezaminah James kien f'sensieh u jitkellem.

Jghid li James qallu li ma' setghax icaqlaq idejh u saqajh.

Jghid li ezaminah u sab li ma' kienx qieghed ihoss minn ghonqu l-isfel.

[35] Traskrizzjoni a fol 81 sa 83.
[36] Traskrizzjoni a fol 83 u 84.
[37] Traskrizzjoni a fol 84.
[38] Traskrizzjoni a fol 107 sa 109.

Jghid li sejjah ghall-ispeccjalista tal-ghadam, is-Sur Aquilina, u ghall-anestesista u ordna *CT Scan* tax-xewka tad-dahar u tal-ghonq. Izid li mis-*CT Scan*, irrizulta li James kellu *anterior subluxation of C4 at level C4,5* ta' cirka 0.7cm u *fracture of right inferior articular process*.

Jispjega li dan ifisser li rukkell mix-xewka tad-dahar mexa fuq dak ta' tahtu u ghalhekk ghamel il-hsara fl-i*spinal cord*.

Jghid li James intbghat ghalhekk l-isptar *Mater Dei* u huwa nforma lill-pulizija bil-kaz. Jghid li cempel u kellem lill WPC 58, Buhagiar mill-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex.

Jghid li cempel lill-pulizija kif soltu jsir f'kaz hekk. Izid li James kien spjegalu li meta wegga kien qieghed jghum.

**Tania Grech**, li kienet ix-Xatt l-Ahmar dakinhar tal-incident tad-9 ta' Lulju, 2015, xehdet[39] li hija rat lit-tlett subien jaqbzu wara xulxin.

Tghid li l-ewwel qabez James Xuereb imbaghad qabez Kurt Grima warajh b'dan li x'hin telgha Kurt, James deher li kellu bzonn l-ghajnuna.

Tghid li hi lit-tlett subien ilkoll tafhom. Izzid li rathom ilkoll jaqbzu.

Tghid li ndunat li James kellu bzonn l-ghajnuna ghax dam ftit ma' telgha u x'hin telgha Kurt deher iffittxu.

Tghid li dan kollu zvolga quddiemha. Izzid li semghet lill Kurt jistaqsi fejn'hu James.

Tghid li Kurt ta l-ghajnuna lill James. Izzid li kien hemm tnejn fil-qrib fil-bahar li ma' kienux indunaw bl-incident ghax kienu jharsu lill-hemm mil-post fejn sehh. Tghid li ghajtu lill dawn it-tnejn min-nies sabiex jghinu liz-zewg subien, James u Kurt.

Tghid li hi ma' ratx lil Kurt jigi fuq James x'hin qabez. Tghid li rathom biss jaqbzu wara xulxin.

[39] Traskrizzjoni a fol 110 sa 114.

Tghid li qabel qabzu s-subien kienu jidhku flimkien. Izzid li kien ghahdom kif nizlu x-xatt.

**Loredana Grech**, li kienet ix-Xatt l-Ahmar dakinhar tal-incident tad-9 ta' Lulju, 2015, xehdet[40] li hija rat lill James jaqbez u lill Kurt jaqbez warajh. Tghid li dawn is-subien tafhom ghax minn Ghajnsielem bhala.

Tghid li ma' tiftakarx jekk Kurt kienx fit-tarf u qabez jew giex bil-girja u qabez. Izzid li taf izda li qabez minn fuq il-*platform*.

Tghid li l-*platform* illum m'ghadux hemm.

Tghid li James u Kurt ma' qabzux fl-istess hin izda Kurt qabez wara James. Izzid li ma' tafx izda kemm dam ma' qabez Kurt wara James.

Tghid li mbaghad rat li Kurt induna li James ma' telax u beda jipprova jaghtih l-ewwel ghajnuna. Tghid li hemm indunaw li gara xi haga.

Tghid li hi kienet fuq il-blat u ma' nizlitx fil-bahar. Izzid li rathom ittellghu lill James fuq il-blat. Izzid li tellghu bughaddas. Tghid li lil James ma' semghatu jghid xejn.

**John Mary sive Jimmy Xuereb**, hu l-attur, xehed[41] li huwa ma' kienx ix-Xatt l-Ahmar dakinhar tal-incident u sar jaf x'gara meta ra' lill James wara l-incident, dakinhar stess, fl-isptar.

Jghid li James qallu li Kurt kien ilu ghassa tieghu sabiex jaqbez fuqu. Izid li qallu wkoll li qabez ghax ma' rax lil Kurt b'dan li Kurt tfacca x'hin qabez u qallu *llum noqtlok*.

Jghid li dan qalulu James sakemm kien ghadu jitkellem. Izid li l-ewwel tlett ijiem James kien ghadu jitkellem. Jghid li James qallu wkoll ma jmurx jghid lill pulizija ghax inkella meta johrog mill-isptar Kurt ippattiehilu.

[40] Traskrizzjoni a fol 115 sa 120.
[41] Traskrizzjoni a fol 121 sa 123.

**In kontro-ezami**, xehed[42] li huwa jikkonferma dak li xehed qabel. Jghid li dakinhar li James qallu l-kliem li xehed dwaru huwa kien mar jarah wahdu. Jghid li hu kien cempel lis-surgent tal-pulizija dwar dak li qallu James.

Mistoqsi kif fil-Qorti kriminali xehed li ra lill James xi jumejn wara l-incident u f'dawn il-proceduri xehed li rah dakinhar tal-incident stess, filghaxija, jghid li jiftakar zgur huwa li hu rah filghaxija.

Mistoqsi kif fil-kawza kriminali ma' tax id-dettall kollu li ta' f'din prezenti jghid li huwa jidhirlu li ta' l-istess dettall.

Jghid li Kurt lill James stahbielu taht il-*platform* u qabel qabez fuqu qallu *llum noqtlok zgur*. Jghid li jekk mhux sejjer zball hemm stqarrija ghand il-pulizija li semghu xi hadd iehor jghid hekk.

**In re-ezami**, xehed[43] li d-diskors li xehed fuqu qalulu James stess, personalment. Izid li dak il-hin kienu hu u James biss fil-kamra.

**Il-Professur Maria Therese Camilleri Podesta'**, xehdet[44] li l-awtospja ta' James Xuereb saret minnha u Dr. S. Ali.

Tghid li James kien vitma ta' incident u gie operat minn Mr. Joseph Borg. Izzid li kellu xi kumplikazzjonijiet bil-kawza tal-mewt proprja kienet il-fatt li tilef hafna demm u kellu *hypovolemic shock*.

Tghid li ghalhekk il-mewta tieghu kienet kumplikazzjoni tal-incident.

Tipprezenta kopja tar-rapport tal-awtopsja.[45]

**Dr. Mario Scerri**, tabib mediku, xehed[46] li James kellu *stress ulcers* fl-istonku li tilef hafna demm minnhom bil-konsegwenza kienet *hypovolemic shock*. Izid li miet rizultat ta' hekk.

[42] Traskrizzjoni a fol 630 sa 640.
[43] Traskrizzjoni a fol 640 u 641.
[44] Traskrizzjoni a fol 141 u 142.
[45] Rapport tal-awtopsja a fol 148 – inkluz in verso pagina.
[46] Traskrizzjoni a fol 142 sa 147.

Jghid li James kellu wkoll *pneumonia* – infezzjoni tal-pulmun – li hija komuni meta xi hadd ikun immobbli. Izid li l-immobilita' kienet rizultat tal-incident li kellu.

Jghid li l-incident ikkawza ksur f'ghonq James.

Jipprezenta rapport redatt minnu kopja ta' liema kienet ukoll ezebita fl-atti tal-inkjesta magisterjali dwar il-kaz.[47]

Jghid li bl-incident, James kellu lezzjonijiet fl-ispina dorsali li jwasslu anke sabiex il-pulmun ma' jkunx jista' jespandi sew u dan wassal ghal *pneumonia*. Izid li dan imbaghad wassal ghall-izvilupp ta' *stress ulcers*. Jghid li James miet ghalhekk kagun ta' dawn il-kumplikazzjonijiet li originaw ilkoll mill-fratturi subiti fl-incident.

Jghid li l-fratturi kienu kompatibbli ma' *blunt trauma*. Izid li rrizulta li James kien qieghed jghum u waqa' xi hadd fuqu. Jghid li l-fratturi subiti huma kompatibbli ma' daqqa qawwija fl-ghonq.

**Is-Sur Joseph Borg**, kirurgu, xehed[48] li James Xuereb gie riferut lilu mill-Isptar Generali ta' Ghawdex.

Jghid li James gie fil-kura tieghu b'lezjonijiet f'ghonqu, fir-4 u l-5 rukkell, u fl-ispina dorsali. Jghid li dawn ilkoll mhux biss telfuh is-sahha f'idejh u saqajh imma affetwaw ukoll il-muskoli tal-pulmun. Izid li James kien ghalhekk instabbli.

Jghid li James gie operat fejn ippruvaw jissudawlu l-ghadma tal-ghonq b'intervent fuq l-ispina dorsali u anke bil-fuzjoni tar-4 u l-5 rkiekel.

Jghid li dan l-intervent kien pozittiv u lill James sahhu sabiex setgha anke jigi *nursed*. Izid izda li l-hsara li kien hemm fin-nerv tal-ispina dorsali kienet irreparabbli.

Jghid li wara l-operazzjoni, James ittiehed fis-sezzjoni tal-kura ntensiva minfejn ma' rkuprax u sehhew il-kumplikazzjonijiet marbuta mat-tip ta' *injuries* li kellu.

[47] Rapport a fol 149 sa 171.
[48] Traskrizzjoni a fol 172 u 173.

Jghid li l-lezjonijiet subiti minn James fl-incident kienu kumpatibbli ma' *high velocity injury* u kienu severi. Jghid li soltu lezjonijiet bhal tieghu jarawhom f'kazijiet ta' incidenti stradali jew ta' waqa' mill-gholi.

**In kontro-ezami**, xehed[49] li fl-operazzjoni li saret lill James waslu sal-ispina dorsali u pruvaw jistabilizzaw l-istess. Izid li m'hemm ebda operazzjoni li ssewwi n-nerv. Jghid li ghaqdu wkoll ir-4 u l-5 irkiekel.

Jghid li aktar tard James kellu bzonn intervent iehor fejn sarlu *tracheostomy* ossia pajp sabiex ikun jista jiehu n-nifs ahjar.

Jghid li James miet konsegwenza tal-kumplikazzjonijiet li segwew il-lezjoni li garrab fl-ispina dorsali.

**Noel Grima**, missier Kurt Grima, xehed permezz ta' affidavit.[50] Jiddikjara li fid-9 ta' Lulju, 2015 cempillu ibnu Kurt u qallu li kien l-isptar ghax kien wegga' James Xuereb. Izid li ibnu spjegalu fuq, fuq x'kien gara u huwa mar l-isptar fejn sab lil omm James.

Jiddikjara li hu baqa' l-isptar Ghawdex sa ma hadu lil James l-isptar Malta. Jghid li ibnu kien jidher imbikkem u mifxul.

Jghid li darba d-dar, Kurt spjegalu ezatt kif gara l-incident: li kienu x-Xatt l-Ahmar, l-ewwel qabez jghum Jeremy, imbaghad James, u wara hu, ilkoll minn fuq il-*platform*.

Jghid li ibnu spjegalu li huma kienu lkoll mifthemin li malli jaqbzu jghumu lejn il-blat, kif fil-fatt ghamel Jeremy. Izid li ibnu qallu li malli James qabez il-bahar huwa hares, ra li tfacca, imbghad prepara sabiex jaqbez hu. Jghid li ibnu qallu li ra li James kien tahtu biss x'hin kien fl-arja, prova jevitah, izda ma' rnexxilux u laqtu.

Jiddikjara li ibnu laqat lil James b'dan li nizel jghodos ifittxu u tellghu fil-wicc sabiex imbaghad, bl-ghajnuna ta' terzi, tellugh ukoll mas-sellum.

---

[49] Traskrizzjoni a fol 173 u 174.
[50] Affidavit a fol 182 sa 184.

Jiddikjara li dakinhar filghaxija cempel lill omm James biex jara kif kien baqa'. Izid li reggha cemplilha l-ghada fejn infurmatu li l-professur kien imsiefer u kien ser joperah meta jirritorna.

Jiddikjara li huwa baqa' f'kuntatt ma' omm James billi kien icemplilha kuljum. Izid li kien anke mar jara lill James xi tlett darbiet.

Jghid li waqaf imur jara lill James meta misser James kien sabu fuq il-vapur u ghajjru. Jghid li dakinhar xorta prova jkellem lill omm James bit-telefon izda ma' wigbitux. Izid li hawn kien talab l-ghajnuna tal-Arcipriet ta' Ghajnsielem li kien qallu li kien ahjar li ma' jmorrux fejn James ghax kien hemm rabja kbira minn naha ta' missieru.

Jiddikjara li huwa baqa' jkellem lill omm James bit-telefon u anke meta jaraghha fuq il-vapur.

Jghid li s-surgent Jason Spiteri kien bghat ghal ibnu Kurt u hu mar mieghu peress li kien ghadu minorenni. Jghid li kemm hu kif ukoll ibnu kienu anzjuzi hafna ghaliex m'humiex midhla tal-pulizija.

Jghid li wara li ibnu rrilaxxa stqarrija huwa kellem lill-avukat tieghu. Izid li hawn qal lill-avukat x'kien intqal l-ghassa u l-avukat qallu li kien hemm punt li jkun ahjar li jkun iccarat. Izid li ghalhekk saret it-tieni stqarrija.

Jiddikjara li eventwalment saru proceduri kriminali kontra ibnu. Izid li l-Qorti ma' sabitux hati u kkumentat ukoll dwar il-*platform* u li din kellha titnehha ghax kienet illegali.

Jghid li ibnu Kurt qatt ma' qallu u huwa qatt ma' semgha li kellu xi jghid ma' James. Izid li anzi jaf li Kurt u James kienu hbieb kbar u kienu l-hin kollu flimkien.

**In kontro-ezami**, xehed[51] li dakinhar tal-incident ibnu Kurt kellu 14-il sena. Izid li huwa kien jaf li ibnu jmur jghum ix-Xatt l-Ahmar u ma' kienx l-ewwel darba li mar jghum hemm ma' shabu.

[51] Traskrizzjoni a fol 609 sa 611.

**Marisa Grima**, omm Kurt Grima, xehdet permezz ta' affidavit.[52] Tiddikjara li fid-9 ta' Lulju, 2015 cemplilha zewgha Noel u qalilha li kien kellmu binhom Kurt dwar incident li sehh waqt li Kurt kien jghum ma' shabu Jeremy u James.

Tghid li malli Kurt wasal d-dar huwa mar jibki fejnha u rrakkontala kif gara l-incident.

Tghid li hija kienet certali li dak li gara ma' garax bi hsieb u dan ghaliex Kurt u James kienu hbieb kbar.

Izzid li zewgha zamm kuntatt ma' omm James u hi gieli cemplitilha wkoll.

Tghid li Kurt u James kien ilhom hbieb sa' mit-tielet sena tal-iskola primarja. Izzid li kemm il-darba waslithom u gabrithom meta kienu johorgu flimkien.

Tiddikjara li James gieli mar id-dar ghandhom mentri Kurt kien kemm il-darba jkun ghand James jilghabu l-*playstation*.

Tiddikjara li wara l-incident Kurt kellu bzonn kura psikjatrika li rcieva minghand Dr. Anton Grech.

Tghid li Kurt dejjem wera rimors kbir ghall-incident anke jekk huma kontinwament jghidulu li dak kien incident ikrah li ghalih ma' jahti hadd.

Tiddikjara li binha Kurt ghadu sallum jaghmel hafna f'qalbu kull meta jissemma l-incident.

**Kurt Grima**, xehed permezz ta' affidavit.[53] Jiddikjara li fid-9 ta' Lulju, 2015 hu, Jeremy u James marru jghumu x-Xatt l-Ahmar. Jghid li Jeremy u James nizlu bir-rota mutur mentri hu nizel bil-mixi anke jekk James offrielu jirkeb mieghu u dan peress li t-triq hija mharbta u bezgha li jwegghu.

[52] Affidavit a fol 185 – inkluz in verso pagina.
[53] Affidavit a fol 186 sa 188.

Jghid li waslu x-xatt u mxew lejn il-*platform*. Jezebixxi ritratt tal-*platform* li kien hemm.[54]

Jghid li damu ftit ma' qabzu ghax qadu jaraw min kien ser jaqbez l-ewwel.

Jghid li Jeremy qabez l-ewwel ghax kien hemm it-tfajla tieghu fuq il-blat u rid imur fejnha. Jghid li malli qabez, Jeremy beda jghum lejn il-blat. Izid li hu u James kien ghadhom fuq il-*platform* meta ddecidew li l-ewwel jaqbez James imbaghad hu. Jghid li James ha rankatura u qabez. Izid li hu ttawwal, ra li James tfacca fil-wicc, u stenna li James kien ser jghum lejn Jeremy.

Jiddikjara li ha rankatura u qabez. Jghid li malli qabez induna li James kien ghadu ma' ghumx lill-hemm. Izid li ra lill James tahtu u, hemm fl-arja, prova jevitah billi fetah saqajh izda xorta gie fuqu.

Jiddikjara li laqat lill James u malli telgha fil-wicc ra' li James kien taht l-ilma qed jeghreq u ghalhekk ghodos ghalih.

Izid li tellghu f'wicc l-ilma u prova jiehdu lejn is-sellum izda kien qed ibghati. Jiddikjara li gew ghenuh xi terzi fosthom bughaddas u hekk tellghu lill James mas-sellum.

Jghid li poggew lill James fuq il-blat u xi hadd cempel ambulanza.

Jiddikjara li marru l-isptar ma' James fejn sieheb omm James beda jghajjat mieghu u jghidlu kif ghamilt hekk.

Jghid li hu kien imdejjaq hafna u kellem lill missieru dwar dak li kien sehh. Jghid li missieru mar l-isptar fejn baqghu sa' ma hadu lill James Malta.

Jghid li waqt li James kien l-isptar Malta kienet giet tigi organizzata *minibus* fejn zaghzagh li kienu jkunu flimkien kienu jmorru jarawh l-isptar. Jghid li hu kien ikun maghhom.

[54] Ritratt a fol 189.

Jghid li lill James kien mar jarah f'okkazzjoni fejn anke skuza ruhu mieghu ta' li gara u qallu li dak li gara ma' kienx sehh apposta. Izid li James wiegbu li kien konxju ta' dan. Jghid li sa dak iz-zmien James kien ghadu jitkellem.

Jghid li darb'ohra meta kienu grupp fejn James missier James staqsa minn kien li qabez fuq James u wara li hu qal li kien hu, missier James widdbu, minkejja li huwa nsista li dan kien incident.

Jiddikjara li lil James kompla jmur jarah anke wara li sarlu intervent wara liema ma baqax jitkellem. Jghid li dak iz-zmien kienu jmorru grupp u kienu jidhlu tnejn, tnejn fejn James. Jghid li apparti mal-grupp tal-*minibus* gieli telgha wkoll ma' missieru. Jghid li missieru darba minnhom beda jibki u omm James pruvat tikkonslah. Jghid li huma kienu lkoll iddispjacuti hafna ta' li kien gara.

Jghid li l-ghada stess tal-incident kien bghat messagg privat lill-profil *Facebook* ta' James fejn kelmitu l-kugina ta' James, Annabel. Izid li lill Annabel qalilha li hu ma' ridtx iweggha lill James u li kien iddispjacut. Jghid li Annabel minn fuq il-profil ta' James stess qaltlu li James kien konxju li dak li sehh kien sehh bi zball izda qaltlu li xorta kienet ser tghaddilu l-messagg. Izid li Annabel qaltlu wkoll li lil James kienu ser joperawh.

Jezebixxi kopja ta' dawn il-messaggi.[55]

Jiddikjara li eventwalment ma' baqax imur jara lill James l-isptar ghax kien car li l-prezenza tieghu ma' kienitx apprezzata mill-familjari ta' James.

Jghid li meta James miet huwa xtaq jattendi l-funeral izda l-ġenituri tieghu qalulu li ahjar ma' jmurx.

Jghid li wara l-funeral shabu u shab James marru ghandu sabiex ifarrguh.

Jghid li hu kien vera ddispjacut ta' li gara tant li anke ha ghajnuna psikjatrika ghand Dr. Anton Grech.

[55] *Screenshot* tal-messaggi a fol 190.

Jiddikjara li hu u James qatt ma' iggieldu u kien ilhom snin jafu lill xulxin. Jghid li spiss kienu johrogu flimkien u kienu jitkellmu fuq kollox.

Jghid li l-pulizija kienu procedew kontra tieghu izda hu ma' nstabx hati.

Jiddeskrivi kif kien irrilaxxa l-ewwel stqarrija lill-pulizija u mbaghad it-tieni wahda wara parir tal-avukat dwar dettal zghir dwar l-incident.

Jghid li hu ghadu sallum iddispjacut hafna fuq li gara u jahseb f'James kuljum.

**In kontro-ezami**, xehed[56] li hu u James kienu hbieb kbar, kienu jiffrekwentaw l-istess grupp ta' hbieb, u kemm il-darba marru jghomu flimkien inkluz ix-Xatt l-Ahmar. Izid li huma trabbew ix-Xatt l-Ahmar.

Jghid li l-*platform* huwa dejjem hemm jafha u minn fuqha ma' kienx l-ewwel darba li qabzu.

Jaqbel li dakinhar tal-incident huma ddecidew flimkien f'liema sekwenza kienu ser jaqbzu proprju sabiex ma' jabzux fuq xulxin.

Jaqbel li qabel qabez hu haseb li James kien diga ghum l-hemm. Izid li ovvjament huwa ma' ridtx jaqbez fuqu.

Jghid li minn fuq il-*platform* tara biss jekk tmur fix-xifer u thares l-isfel.

Jghid li kienu konxji li l-*platform* kienet perikoluza jekk mhux utilizzata sew u ma' kien hemm bzonn ta' hadd li jghidlhom dan.

Jaqbel li jekk tigi bil-girja minn fuq il-*platform* m'intix ser tara hemmx xi hadd tahta.

Jghid li dakinhar tal-incident, qabel qabez huwa mar fit-tarf tal-*platform*, hares, u ra li James kien telgha f'wicc l-ilma. Izid li huwa hares qabel mar lura u gie bil-girja. Jghid li hawn ra li James kien telgha u beda jghum l-hemm kif kienu ftehmu. Jghid li mbaghad ha zewg passi lura biex jigi bil-girja u jaqbez.

[56] Traskrizzjoni a fol 570 sa 575.

Jghid li kien biss x'hin qabez li ra' lill James tahtu. Izid li qisu James dar lura ghal xi raguni. Jghid li hu lill James rah tahtu x'hin kien fl-arja.

**Annabel Said**, kugina ta' James Xuereb, xehdet permezz ta' affidavit.[57] Tiddikjara li dakinhar stess tal-incident, filghaxija, wiehed minn shab James hadilha l-mowbajl ta' James.

Izzid li l-ghada tal-incident dahal messagg minghand Kurt Grima fuq il-*messenger* ta' James. Tghid li hawn infurmat lill Kurt li kien qed jitkellem maghha.

Tiddikjara li l-konversazzjoni li kellha ma' Kurt giet ezebita minn Kurt stess. Tghid li sa dak il-hin hi kien ghadha ma' tkelmitx ma' James u ma' kienitx taf bil-kundizzjoni gravi tieghu.

Tghid li dak li qalet lill Kurt qalitulu sabiex ma' joqodtx jinkwieta u ma' jkomplix jibghat.

Tiddikjara li hija kienet tkun fejn James kwazi kuljum kemm dam l-isptar. Izzid li James ma' ridtx li Kurt imur jarah u kien iqarras wiccu meta jissemma Kurt.

**Mark Cini**, in rapprezentanza tal-Awtorita' tal-Ippjanar, xehed[58] li l-*platform* li kien hemm ix-Xatt l-Ahmar ma' kienx hemm permess ghalija anzi, kien hemm *enforcement notice* dwarha.

Jghid li l-avviz ta' infurzar igib in-numru EC/00412/16 u nhareg lill-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem, lid-Dipartiment tal-Artijiet, lill-Awtorita' dwar it-Turizmu, u lid-Dipartiment tal-Progetti fi hdan il-Ministeru ghal-Ghawdex.

Jipprezenta kopja tal-avviz ta' infurzar u tat-tlett ritratti annessi mieghu.[59]

---

[57] Affidavit a fol 193.
[58] Traskrizzjoni a fol 452 sa
[59] Avviz a fol 456, ritrtati a fol 457 u 458 – inkluz in verso pagina.

Jispjega li dan l-avviz inhareg fit-13 ta' Settembru, 2016 wara spezzjoni li saret mis-sezzjoni tal-infurzar li stabbilit li ma' kienx hemm permess vigenti.

Jghid li din l-istruttura ghalhekk tnehhiet u jezebixxi ritratti li juru dan il-fatt.[60]

Mistoqsi ghalfejn innotifikaw l-avviz lill tant entitajiet jghid li avviz ta' infurzar jigi notifikat lill kull minn jista jkollu responsabbilita' allura, lill sid l-art, minn jopera l-istruttura llegali ecc. Izid li f'dan il-kaz sid l-art huwa d-Dipartiment tal-Artijiet.

**Permezz ta' nota** tal-4 ta' Marzu, 2022 ezebixxa kopja ta' digriet tal-Qorti Kriminali datat l-14 ta' April, 2016 li bih intalbet investigazzjoni dwar il-*platform*,[61] kopja ta' email datata l-10 ta' Settembru, 2016 li biha l-Ministeru ghal-Ghawdex talab lill-Awtorita' tal-Ippjanar tiehu l-mizuri fil-poter taghha dwar il-fatt li l-*platform* ma' kienitx koperta b'permess,[62] *aerial photos* varji li jindikaw is-sit fejn kienet tinsab il-*platform*.[63]

**Francis Cauchi**, eks sindku ta' Ghajnsielem, xehed permezz ta' affidavit.[64] Jiddikjara li huwa twieled fl-1950 u trabba f'Ghajnsielem fejn anke ghamel 21 sena bhala sindku tal-lokal u dan bejn l-1995 u l-2015.

Dwar il-*platform* li kienet ix-Xatt l-Ahmar jghid li huwa jiftakar wahda izghar qabilha. Izid li din kien ilha hemm snin twal qabel huwa lahaq sindku.

Jghid li jiftakar li z-zaghzagh tal-lokal kienu wrew ix-xewqa li l-*platform* l-originali titkabbar sabiex tohrog aktar il-barra stante li kienet tispicca wisq qrib il-blat.

Jghid li ghalhekk, eventwalment din tbidlet ghal dik li kien hemm l-ahhar. Izid li dan ix-xoghol ma' kienx sar mill-Kunsill Lokali u ma' jafx min minn kien sar.

---

[60] Ritratti a fol 459 u 460.
[61] Digriet a fol 621 u 622.
[62] Email a fol 623.
[63] *Aerial photos* a fol 624 u 625.
[64] Affidavit a fol 472.

Jiddikjara li fil-21 sena li huwa ghamel sindku qatt ma′ jaf li dahlu lmenti dwar din il-*platform* u anqas jaf li qatt sehh xi incident.

Jghid li huma bhala Kunsill qatt ma′ hassew il-bzonn li jilmentaw sabiex titnehha l-*platform* ghax qatt ma′ raw li din kienet ta′ perikolu. Jghid li semmai kienet tkabret minn dik originali sabiex tnehha l-perikolu ta′ dik originali li kienet wisq qrib il-blat.

**In kontro-ezami**, xehed[65] li dwar il-*platform* huwa jaf biss dak li diga xehed: li kien hemm ohra izghar qabilha u nbidlet b′dik li nqalghat b′rizultat tal-incident in mertu. Jghid li dik originali saret qabel gew kostitwiti l-kunsilli lokali.

Jghid li kemm dam fil-kunsill hu gieli semgha minn jghid li kif kienet originarjament, il-*platform* kienet perikoluza ghax kienet wisq qasira u tispicca wisq qrib il-blat.

Jghid li meta nbidlet il-*platform* ghal dik li kien hemm dan l-ahhar dan it-tibdil ma′ sarx mill-kunsill.

Jghid li x-Xatt l-Ahmar jaqa′ taht ir-responsabbilita′ tal-Gvern Centrali.

Jghid li kemm dam sindku hu qatt ma′ rcieva xi lmenti dwar din il-*platform*.

**Kevin Cauchi**, sindku ta′ Ghajnsielem, xehed permezz ta′ affidavit.[66] Jiddikjara li huwa twieled fl-1983 u ghex snin tfulitu f′Ghajnsielem. Izid li ilu mill-2015 vici sindku tal-Kunsill u mill-2019 sindku.

Dwar il-*platform* tax-Xatt l-Ahmar jghid li din jiftakarha hemm minn tfulitu. Izid li l-incident in mertu sehh ftit xhur wara li huwa dahal ufficjalment fil-Kunsill. Izid li sa dakinhar il-Kunsill qatt ma′ kien hass il-bzonn jilmenta mill-*platform* ghaliex qatt ma′ kellu lmenti dwarha.

[65] Traskrizzjoni a fol 657 sa
[66] Affidavit a fol 473.

**In kontro-ezami**, xehed[67] li x-Xatt l-Ahmar huwa parti mir-rahal ta' Ghajnsielem izda r-responsabbilita' ghalih hija f'idejn il-Ministeru ghal-Ghawdex.

Jghid li l-kunsill jista jircievi lmenti dwar bajjiet fil-konfini tieghu b'dan li jiehu l-inizzjattiva li jikkomunika l-istess lill-Ministeru.

Jghid li dan huwa l-istess bhat-toroq arterjali li ghalkemm jaqghu fil-konfini tal-Kunsill jiehu hsiebhom il-Ministeru.

Jaqbel li dwar toroq arterjali u bajjiet li jaqghu taht ir-responsabbilita' tal-Gvern Centrali hemm skeda fil-ligi. Jaqbel li x-Xatt l-Ahmar mhux inkluz fl-istess skeda. Izid li ma' jistax jghid 100% kienx hemm xi Avviz Legali jew xi ftehim dwar ir-responsabbilita' fil-konfront tax-Xatt l-Ahmar.

Jinsisti li madanakollu l-Ministeru dejjem assuma r-responsabbilita' dwar ix-Xatt l-Ahmar b'dan ma' jfissirx li huma qatt ma hadu l-inizzjattiva fl-interess tal-istess bajja.

Mistoqsi minn ghamel ir-*railings* tal-passaggi fiz-zona jghid li hemm minnhom li saru mill-Ministeru u ohrajn mill-kunsill. Izid li madanakollu huma dejjem zammew djalogu mall-Ministeru. Jghid li l-*belveder*, per ezempju, sar mill-Ministeru.

Jghid li wara l-incident in mertu il-*platform* tnehhiet. Jghid li jahseb li tnehhiet b'rizultat tad-decizjoni tal-Qorti Kriminali. Jghid li kienu rcievew kopja tas-sentenza kif anke rcievit l-Awtorita' tat-Turizmu u, f'laqgha tal-kunsill gie maqbul li l-*platform* ma' saritx mill-kunsill u ghalhekk il-kunsill ma' kellux jassumi responsabbilita' taghha.

Jghid li ma jafx minn nehha l-*platform*.

**In re-ezami**, xehed[68] li fil-laqgha tal-kunsill iddecidew li l-*platform* ma' kellhomx x'jaqsmu maghha u ma' kienux ser jiehdu responsabbilita' ghalija. Jghid li minn hemm qatt ma' nvolvew ruhhom dwar il-*platform*.

Jghid li huma ma' jafux minn kien installa din il-*platform* izda jafu biss li din saret qabel gew kostitwiti l-kunsilli lokali.

[67] Traskrizzjoni a fol 647 sa 654.
[68] Traskrizzjoni a fol 654 u 656.

**Dr. Mary Debono Borg**, Registratur Qrati u Tribunali, Ghawdex, xehdet[69] li kontra l-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem ma' gew intavolati ebda atti gudizzjarji relattivament ghall-incident in mertu.

**Il-Perit Godwin Sultana**, in rapprezentanza tal-Ministeru ghal-Ghawdex, xehed[70] li huwa ilu mis-sena 2007 bhala perit fi hdan il-Ministeru u ma' kien bl-ebda mod involut fil-kwistjoni tal-installazzjoni jew it-tnehhija tal-*platform* tax-Xatt l-Ahmar.

**Xehed ulterjorment**[71] li huwa personalment ma' kellux x'jaqsam la mall-installar u anqas mall-eventwali tnehhija tal-*platform* li kien hemm ix-Xatt l-Ahmar.

Jghid li sab izda li l-Ministeru ghal-Ghawdex kien involut mat-tnehhija taghha.

Jezebixxi kopja ta' *method statement* dwar it-tnehhija tal-*platform* li kien gie mhejji mill-Perit William Lewis u attwat mill-Perit Mariella Xuereb.[72]

Jghid li dwar l-installazzjoni tal-*platform* ma' sab xejn.

**In kontro-ezami**, xehed[73] li l-*platform* tnehhiet wara avviz ta' infurzar li hareg mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

Jghid li ma' jafx ghalfejn ha r-responsabbilita' ghat-tnehhija tal-*platform* il-Ministeru meta kien hemm diversi entitajiet notifikati bl-avviz ta' infurzar.

Jghid li hu ma' kienx involut izda anqas ra evidenza li kien hemm xi diskussjoniiet bejn il-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem u l-Ministeru dwar it-tnehhija tal-*platform*.

[69] Traskrizzjoni a fol 474.
[70] Traskrizzjoni a fol 475 u 476.
[71] Traskrizzjoni a fol 487 sa 493.
[72] Rapport a fol 499 sa 503- inkluz in verso pagina.
[73] Traskrizzjoni a fol 493 sa 498.

**Lorry Apap**, xehed[74] li bejn l-2013 u l-2018 huwa kien impjegat fi hdan il-Ministeru ghal-Ghawdex.

Jghid li dwar il-*platform* ta' Xatt l-Ahmar huwa ma' jaf xejn ghaliex ma' kellu xejn x'jaqsam la mall-installar u anqas mat-tnehhija taghha.

Muri ritratt anqas il-post ma' jgharaf. Jghid li huwa qatt ma' resaq lejn dawk l-inhawi.

**In kontro-ezami**, xehed[75] li ghalkemm kien involut il-Ministeru fit-tnehhija tal-*platform* huwa ma' kienx involut. Izid li setgha kien involut direttament id-direttur. Jghid li jista kun ukoll li tali xoghol sar mil-*public cleansing* stante li s-sit jaqa' fir-responsabbilita' taghhom.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawza, l-atturi Vincent u Mikelina Xuereb, genituri ta' James Xuereb li miet tragikament wara incident li sehh fid-9 ta' Lulju, 2015 ix-Xatt l-Ahmar, limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex, meta kellu biss 14-il sena, talbu lill din il-Qorti tiddikjara li l-incident li wassal ghat-telfa ta' binhom sehh unikament tort ta' Kurt Grima, iben il-konvenuti konjugi Noel u Marisa Grima, li dakinhar tal-incident kien ukoll minorenni ta' 14-il sena.

Per konsegwenza, talbu wkoll il-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti minnhom b'rizultat tat-telfa tragika ta' binhom.

Il-konvenuti konjugi Grima laqghu ghal dan billi ghamlu diversi eccezzjonijiet inkluz li t-talbiet atturi huma nfondati fid-dritt u fill-fatt.[76]

Ressqu wkoll eccezzjoni preliminari – numru tnejn fir-risposta guramentata – dwar in-nuqqas fil-forma tar-rikors promotur ai termini

[74] Traskrizzjoni a fol 541 sa 543.
[75] Traskrizzjoni a fol 543 sa 546.
[76] Eccezzjoni numru 1.

tas-subartikolu 4 tal-Artikolu 156 tal-Kap. 12, Ligijiet ta' Malta.[77] Din l-eccezzjoni giet debitament indirizzata mill-atturi bl-intavolar ta' nota ta' aderizzjoni mal-imsemmi subartikolu[78] u giet ghalhekk sorvolata.

L-eccezzjonijiet ulterjuri jittrattaw il-validita' tal-kawza kif interposta mill-atturi kontra l-konvenuti konjugi Grima bhala ġenituri tal-dakinhar minorenni Kurt Grima,[79] il-mankanza ta' xi nuqqas da parti tal-konvenuti konjugi Grima ai termini tal-Artikolu 1034 tal-Kap.16, Ligijiet ta' Malta,[80] il-mankanza ta' sofferiment ta' danni stante li l-atturi ma' kienux dipendenti fuq il-mibki binhom, il-minorenni James Xuereb,[81] kif ukoll id-difiza taghhom il-konvenuti Grima li l-incident li wassal ghat-telfa prematura ta' James Xuereb ma' sehhx b'rizultat ta' xi nuqqas imputabbli lill Kurt Grima li skonhtom ma' aggixxiex b'xi nuqqas ta' prudenza, diligenza, jew tharis ta' xi regolamenti.[82]

Kurt Grima, li kif diga inghad dakinhar tal-incident tad-9 ta' Lulju, 2015 kien ukoll minorenni ta' 14-il sena, lahaq il-maggior eta' fil-mori ta' dawn il-proceduri b'dan li b'nota tieghu tal-1 ta' Dicembru, 2021 assuma l-atti ta' din il-kawza f'ismu proprju.[83]

Fil-kawza gie wkoll kjamat il-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem, Ghawdex, li preliminarjament, eccepixxa, *inter alia*, il-preskrizzjoni tal-azzjoni fil-konfront tieghu ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16, Ligijiet ta' Malta.[84]

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Stante li t-terminu preskrittiv eccepiet b'mod preliminari mill-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem, Ghawdex, jista, f'kaz li tintlaqa l-istess eccezzjoni, iwassal ghall-estinsjoni ta' din l-azzjoni fil-konfront tal-istess Kunsill Lokali, huwa opportun li tigi trattata din l-eccezzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem qabel kwalsiasi ohra.

[77] **156.** […] *(4) L-attur għandu wkoll jagħti mad-dikjarazzjoni l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi ħsiebu jġib, filwaqt li jiddikjara dwar kull wieħed minnhom x'fatti u xi prova bi ħsiebu jagħmel bix-xiehda tagħhom.*
[78] Nota a fol 15 u 16.
[79] Eccezzjoni numru 4.
[80] Eccezzjonijiet numru 3 u 5.
[81] Eccezzjoni numru 7.
[82] Eccezzjoni numru 6.
[83] Ref.: nota a fol 569 u l-verbal li segwa l-istess, referibbli ghal-udjenza tal-istess data, a fol 582 u 583.
[84] **2153.** *L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reattaqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.*

Fid-dawl ta' dan, issir referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-13 ta' Gunju, 2013 fl-ismijiet ***Mario Pace vs Corinthia Palace Hotel Company Limited et*** fejn inghad kif isegwi:

*Hu ribadit fil-gurisprudenza taghna li ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ghad-danni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghemil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz iz-zmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat (regolat bl-art.2154(1) tal-Kap.16); (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt ('l hekk imsejha culpa aquiliana), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn - principju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili; u (c) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin;*

*Hu ghalhekk pacifiku li l-preskrizzjoni bjennali prevvista mill-Artikolu 2153, tal-Kodici Civili tikkolpixxi "l' azione per risarcimento del danno derivante dal fatto illecito, e non quello del risaricimento del danno contrattuale, soggetta quest' ultima azione alla prescrizione confacente al determinato contratto" (Kollez. Vol. XXVIII P I p 726).*

Il-kwistjoni in ezami hija jekk il-kolpa fil-kaz prezenti kinetx kontrattwali jew extra - kontrattwali / aquiliana naxxenti mid-delitt jew kwazi delitt.

Fid-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar id-19 ta' Frar, 1954 fl-ismijiet ***Joseph Busuttil v Emmanuel Schembri*** gie ritenut li l-kolpa tista' tkun aquiliana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali.

Fid-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar id-9 ta' April, 1949 fl-ismijiet ***Mary Vassallo vs Giovanni Mizzi et*** il-Qorti kkunsidrat illi:

*Il-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita' taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ' ex nunc'. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-*

*responsabbilita' fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skont il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad.*

Mid-dicitura tal-gurisprudenza succitata, huwa ghalhekk car li f'kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' kuntrattwali, l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront tieghu.

B'hekk ir-responsabbilita' ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, u dana skont il-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti.

L-awtur Andrea Torrente jaghti ezempju car sabiex ikun jista' jaghraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' kuntrattwali u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' extra kuntrattwali kif isegwi:

*Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti.*

L-istess awtur jispjega ulterjorment li fl-ambitu tar-responsabbilita' *extra contrattuale ... un rapporto obbligatorio ancora non esiste tra le parti ed essa consiste nella trasgresione di un dovere generico di contegno*.

Stabbiliti dawn il-principji tal-gurisprudenza u d-dottrina, din l-Qorti tqis illi ma hemm ebda dubju li r-relazzjoni guridika bejn l-atturi u l-kjamat in kawza Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem hija, semmai, wahda *aquiliana* u allura preskrivibbli skond l-Artikolu 2153 tal-kap. 16, Ligijiet ta' Malta.

Dan tenut kont tal-fatt li bejn l-istess Kunsill Lokali u l-mibki James Xuereb ma' kien hemm ebda relazzjoni kuntrattwali.

Oltre min hekk, dak li sehh dakinhar tal-incident anqas jista' jitqies bhala rizultat ta' ghemil li jikkostitwixxi reat stante l-fatt li ghalkemm gie pruvat li l-istess pjattaforma rrizultat li ma' kienitx koperta b'permess

moghti mill-Awtorita' tal-Ippjanar, tant li fuqha nhareg Avviz ta' Infurzar wara l-investigazzjoni ordnata mill-Qorti tal-Minorenni ta' Ghawdex;[85] ma' giex ippruvat a sodisfazzjon ta din il-Qorti li l-istess kienet taqa' taht ir-responsabbilita' tal-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem. Anzi, semmai, li rrizultat konsistentement mill-provi in atti huwa li ghall-istess assuma r-responsabbilita' id-Direttorat tal-Progetti u Zvilupp fi hdan il-Minsiteru ghal-Ghawdex

Maghdud dan, jirrizulta ampjamant – u dan mix-xhieda tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali, Ghawdex, Dr. Mary Debono Borg – li kontra l-Kunsill Lokali kjamat in kawza ma' gew intavolati ebda atti gudizzjarji relattivament ghall-incident in mertu.

Premess ghalhekk li l-incident in mertu sehh fid-9 ta' Lulju, 2015 u dwaru ttiehdu wkoll proceduri kriminali fil-Qorti tal-Minorenni (Ghawdex) kontra l-dakinhar minuri Kurt Grima liema proceduri, *inter alia*, ikkunsidraw li l-pjattaforma li minnha qabzu t-tlett subien involuti fic-cirkastanzi targici li wasslu ghal din l-istanza – ossia l-istess Kurt Grima, il-mibki James Xuereb, kif ukoll certu Jeremy Portelli;

Premess li tali proceduri kriminali gew a konkluzjoni taghhom bid-decizjoni tal-14 ta' April, 2016,[86] mill liema segwa wkoll id-digriet tal-istess data, moghti mill-istess Qorti tal-Minorenni (Ghawdex), li bih inghata ordni sabiex *issir investigazzjoni mill-Ufficcju tal-Enforcement tal-MTA b'kollaborazzjoni mal-Ministeru ghal-Ghawdex u l-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem, Ghawdex u jekk jirrizulta li m'hemmx permessi u liema spring board mhix sikura u skont l-istandards din ghandha titnehha immedjatament*[87] - ordni li ma' jistghax jinghad li l-atturi li hadu semm attiv fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Minorenni (Ghawdex) ma' kienux a konoxxejnza tieghu.

Premess ulterjorment li din il-kawza odjerna giet intavolata nhar it-2 ta' Mejju, 2017 b'dan izda li l-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem gie biss kjamat in kawza b'digriet tal-25 ta' Jannar, 2019 minghajr qatt qabel ma' saru atti gudizzjarji li jinterrompu l-preskrizzjoni kontra l-istess Kunsill Lokali;

---

[85] Ref.: digriet tal-imsemmija QOrti moghti nhar l-14 ta' April, 2016 ina tit a fol 442 u 443.
[86] Kopja tad-decizjoni numru 63/2015 moghtija mill-Qorti tal-Minorenni (Ghawdex) u atti relattivi in atti a fol 399 *et seq*.
[87] Ref.: kopja tad-digriet a fol 442 u 443.

Jirrizulta ampjament li fil-konfront tal-kjamat in kawza l-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem japplika t-terminu ta' preskrizzjoni statutorju ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153, Kap. 16, Ligijiet ta' Malta.

B'dan li ghalhekk m'huwiex necessarju ghal din il-Qorti li tikkunsidra l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-Kunsill Lokali kjamat in kawza.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Bl-assunzjoni tal-atti ta' din il-kawza minn Kurt Grima f'ismu proprju huwa car li t-talbiet maghmulha mill-atturi Vincent u Mikelina Xuereb gew minnu accettati bhala applikabbli fil-konfront tieghu ad eskluzjoni tal-genituri tieghu.

L-istess talbiet atturi jinkwadraw ruhhom perfettement ma' dan stante li, effettivament, l-atturi anqas talbu sabiex il-konvenuti originali, genituri tal-istess Kurt Grima, jinsabu li naqqsu fl-obbligi taghhom bhala genituri a tenur tal-Artikolu 1034 tal-Kap. 16, Ligijiet ta' Malta. Talbu izda dikjarazzjoni li l-incident ta' nhar id-9 ta' Lulju, 2015 sehh unikamant tort ta' Kurt Grima u, konsegwentement, il-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti minnhom b'rizultat tal-istess.

L-azzjoni odjerna, ghalhekk, tinkwadra ruhha perfettament fid-dettami tal-Artikolu 1033 tal-Kap. 16 li jipprovdi kif isegwi:

> **1033.** *Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.*

Subordinatament ghal dan, gjaladabra Kurt Grima assuma l-atti ta' din il-kawza odjerna mhuwiex necessarju ghal din il-Qorti li tindaga minn xi nuqqas attribwibbli lill-genituri tieghu meta kwalunkwe' nuqqas allegat mill-atturi fit-talbiet taghhom u tul dawn il-proceduri kien dejjem attribwit ghall-azzjoni diretta tal-istess Kurt Grima, mhux ukoll ghal xi azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni tal-genituri tieghu.

L-artikolu 1033 succitat jippresopponi dawn l-elementi:

i. L-ghemil ta' xi deni, kemm jekk bil-hsieb jew minghajr hsieb;
ii. Volontarjament jew b'nuqqas ta' diligenza, prudenza, jew hsieb;
iii. Li jsehh billi wiehed jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-Ligi.

Fil-kaz biss tal-konsistenza ta' dawn il-presupposti, l-istess persuna tkun obbligata ghal-hlas tal-hsara.

Huwa ghalhekk car li ai termini ta' dan l-artikolu tal-ligi nostrana vigenti mhuwiex necessarju li l-ghemil tad-deni jkun mahsub u allura premeditat izda tali deni jista wkoll ikun rizultat ta' nuqqas ta' hsieb. Dment izda li jsehh ghax minn ikkagunah hekk *ikun irid* jew per konsegwenza tan-nuqqas ta' diligenza, prudenza, jew hsieb tieghu meta dan l-istess jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-Ligi.

L-Artikoli 1033 jrid ghalhekk li anke jekk id-deni rizultanti ma' jkunx mahsub, jew jekk ma' jkunx dak mahsub, dment li jsehh, u jsehh ghax minn ikkagunah hekk rid jew ghax minn ikkagunah naqas mid-diligenza, prudenza jew hsieb, u ghax l-istess ghamel jew naqas li jaghmel dak minnu mitlub mill-Ligi; dak stess li kkagunah ikun responssabbli ghad-danni.

F'dan il-kaz *de quo*, dan ifisser allura li dak li jrid jigi ppruvat mill-atturi sabiex jirnexxu f'din il-kawza minnhom interposta huwa li Kurt Grima ikkawzalhom deni ghax hekk rid, jew b'nuqqas ta' diligenza, prudenza, jew hsieb, u billi ghamel jew naqas li jaghmel dak minnu rikjest mill-Ligi.

Sabiex jaghmlu dan, l-atturi jittentaw juru li Kurt Grima naqas minn dak minnu rikjest mill-Ligi meta dakinhar tad-9 ta' Lulju, 2015 qabez minn fuq il-pjattaforma li kien hemm ix-Xatt l-Ahmar, limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex, u gie fuq binhom, James Xuereb fejn ikkagunalu griehi gravi li wasslu sabiex fit-12 ta' Settembru, 2015 tilef hajtu.

Fit-tentattiv taghhom li jippruvaw dan, l-istess atturi jressqu diversi xhieda b'dawk rilevanti huma:

i. l-Ispettur Bernard C. Spiteri li jaghti rendikont tar-rapporti li dahlu, intervisti u stqarrijiet li ttiehdu, kif ukoll tal-proceduri kriminali li ttiehdu kontra Kurt Grima;

ii. it-tobba kuranti lill James Xuereb tul iz-zmien li ghamel l-isptar wara l-incident, ossia, it-Tabib Dr. Peter Muscat u l-kirurgu Joseph Borg, kif ukoll dawk li attendew ghalih wara mewtu, ossia, il-Professur Maria Theresa Camilleri Podesta' u Dr. Mario Scerri, li lkoll jixhdu li l-griehi li soffra James Xuereb kienu konsistenti mall-incident deskritt lilhom u allura ma' *blunt force trauma;*
iii. Jeremy Portelli, zaghzugh li kien mat-tnejn l-ohra – Kurt Grima u James Xuereb – dakinhar tal-incident, u
iv. diversi persuni li lkoll inzertaw kienu x-Xatt l-Ahmar dakinhar tal-incident ossia, Sonia Mallia, Joseph sive Guzi Mallia, Tania Grech, u Loredana Grech.

L-atturi jressqu wkoll lill John Mary sive Jimmy Xuereb, ziju tal-mibki James Xuereb, u l-uniku xhud li jixhed dwar allegata dikjarazzjoni maghmulha mill-istess James Xuereb lilu dwar intendiment da parti ta' Kurt Grima li jikkawza deni lill-istess James Xuereb.

Mill-assjem ta' dawn il-provi prodotti mill-atturi jirrizulta konsistentement u biss li t-tlett subien, James Xuereb, Kurt Grima, u Jeremy Portelli nizlu lkoll flimkien ix-Xatt l-Ahmar sabiex iqattghu xi hin jghumu flimkien ma' hbieb ohra li rrizulta li kienu diga hemmhekk.

Jirrizulta ulterjorment li l-ewwel ma' qabez jghum mill-pjattaforma kien Jeremy Portelli, b'warajh qabez James Xuereb, u wara James qabez Kurt Grima li spicca gie fuq l-istess James Xuereb u kkawzalu l-griehi li sfortunatament waslu ghal-mewtu.

Fuq din is-sekwenza m'hemm ebda kontestazzjoni b'Kurt Grima stess jirrakkonta din il-verzjoni diversi drabi, kemm fl-istqarrijiet rilaxxati minnu lill-pulizija fl-istadju tal-interrogazzjoni, kemm fil-proceduri mehuda kontrih fil-Qorti tal-Minorenni (Ghawdex), u kemm quddiem din il-Qorti.

Ix-xhieda l-ohra jaqblu perfettament ma' din is-sekwenza ghajr ghaz-ziju ta' James Xuereb, John Mary sive Jimmy Xuereb li jirrakkonta li James Xuereb qallu, ftit qabel mewtu u sakemm dam jista' jitkellem, li huwa – James – ma' kienx jaf li Kurt Grima kien hemm ghax kieku ma' kienx jaqbez qabblu.

Il-kontestazzjoni tinholoq ghalhekk u biss minn dak li jixhed John Mary sive Jimmy Xuereb li jallega wkoll li sakemm dam jista' jitkellem James, dan qallu li Kurt Grima kien ilu lest ghalih. Dan l-istess xhud imur oltre billi jghid li Kurt sahansitra qal kliem bhal *illum noqtlok zgur* qabel qabez fuq James u jzid li dan il-kliem semugh terzi li kienu fuq il-post dakinhar tal-incident.

Din il-Qorti tosserva l-assjem tal-testimonjanzi moghtija quddiema mix-xhieda li kienu fuq il-post – ix-Xatt l-Ahmar – dakinhar tal-incident fejn dawn ilkoll jghidu li huma dakinhar ma' raw xejn barra minn normal fl-imigieba tat-tlett subien.

Ix-xhieda konjugi Sonia u Joseph sive Guzi Mallia li nzertaw kienu jghumu x-Xatt l-Ahmar fil-mument li nizzlu t-tlett subien bir-roti mutur taghhom jghidu li rawhom nizlin izda mhux jaqbzu mill-pjattaforma stante li huma kienu darhom lejn il-pjattaforma, iharsu fid-direzzjoni ta' *Chambray*.

Ix-xhieda omm u bint Tania Grech u Loredana Grech jixhdu li huma kienu qrib hafna tal-pjattaforma tant li semghu lit-tlett subien jaqbzu, semghu wkoll lill Kurt Grima jghajjat ghall-ghajjut meta ntebah b'dak li kien gara wara li laqat lill James Xuereb, u, Tania Grech tghid ukoll li milli rat hi hija hassbet li Kurt Grima mhux biss ghamel li setgha sabiex jevita lill James Xuereb wara li huwa qabez mil-pjattaforma izda addirittura presta l-ewwel ghajnuna lill-istess James Xuereb billi tellghu minn taht l-ilma sakemm gie l-imsemmi Joseph sive Guzi Mallia u terz – bughaddas Taljan li ismu mhux maghruf u ma' xehedtx f'dawn il-proceduri – li flimkien tellghu lill James mas-sellum fjen poggewh mimdud fuq il-blat sa' ma walset l-ambulanza li haditu l-Isptar Generali ta' Ghawdex.

Huwa car li l-griehi li soffra l-mibki James Xuereb li wasslu ghal-mewt prematura tieghu sfaw kagunati lilu f'dan l-incident. Dan jixhdu Kurt Grima inniffsu meta jghid li lemah li kien gej fuq James hekk kif kien fl-arja wara li qabez mill-pjattaforma, prova jevitah izda ma' rnexxilux bil-konsegwenza li gie fuqu. Jixhduh ukoll it-tobba kuranti l-istess James Xuereb kfi diga inghad, u x-xhud okulari Tania Grech kif ukoll diga inghad.

Ma' jirrizultax izda li tali griehi gew kagunati b'xi malizzja jew b'mod iehor kif allegat biss minn John Mary sive Jimmy Xuereb.

Infatti, hadd mix-xhieda li kienu fuq il-lok tal-incident dakinhar tal-incident ma' irrakkonta li ra jew semgha xi glied jew dizgwid mod iehor bejn it-tlett subien u aktar importanti bejn Kurt Grima u James Xuereb. Anqas Tania Grech li kienet tant qrib tal-pjattaforma fejn sehh l-incident li smeghet l-ghajta ta' Kurt Grima ghal-ghajjut ma' tqajjem suspett hekk. Anqas Jeremy Portelli kien ma' Kurt Grima u James Xuereb sa minn aktar kmieni qabel l-incident ma' qal li bejn James u Kurt setgha kien hemm xi anomozita'. Anqas il-konjugi Mallia li semghu u raw lit-tlett subien nizlin ix-xatt b'Joseph sive Guzi Mallia anke spicca presta l-ghajnuna tieghu meta Kurt ghajjat ghall-ghajjut ma' ghamlu tali allegazzjoni.

L-anqas hadd mix-xhieda li raw u kellmu lill James Xuereb tul iz-zmien li ghamel l-isptar wara l-incident m'allega li James b'xi mod inkolpa lill Kurt ghal dak li kien gara. Anqas omm James stess li ghalkemm ma' xehditx f'dawn il-proceduri rrilaxxat stqarrija lill-pulizija li giet maghmulha disponibbli lill din il-Qorti u fejn iddeskrivit kif binha stess cemplilha wara l-incident u spjegala x'kien gara.[88]

Din il-Qorti tosserva ghalhekk li l-verzjoni moghtija minn John Mary sive Jimmy Xuereb hija dubjuza, anke jekk dan potenzjalment frott ta' ugiegh u dwejjaq kbar marbuta ma' telfa tant prematura, in kwantu ghal dak kollu hawn diga osservat, u in kwantu wkoll ghal fatt li dan l-istess xhud ma' kienx prezenti dakinhar tal-incident fis-sit tal-incident kif kienu prezenti x-xhieda ulterjuri hawn fuq imsemmija.

Dan oltre l-fatt li l-genituri tal-istess mibki James ma' xehdux f'dawn il-proceduri sabiex b'xi mod iressqu l-istess dubbju jew xi dubbju simili, bl-atturi anqas ressqu d-diversi persuni l-ohrajn li skond ix-xhieda jirrizulta li kienu jmorru jaraw lill James l-isptar sabiex lilhom jigi mistoqsi jekk intqalx lilhom ukoll xi kliem bhal dak allegat minn John Mary sive Jimmy Xuereb.

Huwa minnu li tressqet ix-xhud kugina ta' James Xuereb, Annabel Said, li xehdet li meta kien jissemma Kurt quddiem James tul iz-zmien li James kien l-isptar dan kien iqarras wiccu. B'dan izda li l-fatt li wiehed iqarras

[88] Ref.: pagna tar-rapport tal-pulizija numru NPS 10/Z2802/2015 a fol 40 u 41 tal-process.

wiccu mal-menzjoni ta' dak li jkun ikkagunalu griehi m'hijiex xi haga li tista' titqies anormali izda certament anqas hija prova ta' xi intent dwar dak li jkun gara.

B'dan li din il-Qorti hija ghalhekk moralment konvinta li dak li sehh nhar id-9 ta' Lulju, 2015 fix-Xatt l-Ahmar, Ghajnsielem ma' kien xejn ghajr incident tragiku u devastanti li ghalih ma' jistax izda jigi attribwit xi nuqqas lill Kurt Grima ai termini tal-Artikolu 1033 tal-Kap. 16.

Dan stante li mill-assjem tal-provi prodotti ma' jirrizultax li t-tlett subien, James, Kurt u Jeremy, kienu b'xi mod qed jagixxu kontra l-Ligi jew b'mod li jikser xi dmir impost fuqhom mill-Ligi.

Fil-konfront ta' Kurt Grima, anqas jirrizulta li dan, ghax rid, jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, ikkaguna deni lill James Xuereb.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li jirrizulta li sehh huwa biss li dawn it-tlett subien kienu qieghdin igawdu ftit hin flimkien billi marru mawra sal-bahar fejn ghamlu uzu minn pjattaforma disponibbli ghalihom kif kien ilha disponibbli ghal-generazzjonijiet twal qabilhom izda, b'rizulta ta' incidenti tragiku, safa ferut gravament James tant li tilef hajtu tragikament.

Kurt Grima wera a sodisfazzjon ta' din il-Qorti, billi anke baqa' konsistenti u konvincenti fit-testimonjanza varja moghtija minnu, li giet ukoll korraborata minn dik ta' varji xhieda ndipendenti, li huwa kien biss hemm sabiex jghum ma' shabu u qabez mill-pjattaforma bhal ma' qabzu shabu qablo dakinhar stess u kif qabzu wkoll drabi qabel. B'dan li la basar u wisq anqas pjana li b'xi mod jew manjiera jwegga lill James Xuereb.

B'dan illi, dment li ma' nstabitx ir-responsabbilita' ta' Kurt Grima ghall-akkudat, jissussisti li mhemmx in-necessita' sabiex din il-Qorti tkompli tiehu konjizzjoni tat-talbiet atturi relatati mall-likwidazzjoni u l-ordni ghal-hlas tad-danni.

**Decide:**

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti Noel u Marisa konjugi Grima u ta' Kurt Grima konformement ma' dak hawn deciz;

i. tilqa' it-tieni eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif proposta mill-kjamat in kawza l-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem;
ii. tiddisponi mill-kumplament tal-ecezzjonijiet tal-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem, konformement ma' dak hawn deciz, u;
iii. tichad it-talbiet atturi.

Bl-ispejjez ta din il-kawza a karigu ta' l-atturi.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**